

32004D0815

L 357/30

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

2.12.2004

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-19 ta' Novembru 2004

li temenda d-dikjarazzjoni mill-Komunità Ewropea dwar l-eżerċizzju ta' kompetenza u drittijiet tal-vot preżentata lill-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran

(2004/815/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 300(2) u ma' l-ewwel subparagrafu tat-tielet paragrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni, ⁽¹⁾Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew, ⁽²⁾

Billi:

- (1) Il-Komunità Ewropea hi membru tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM); meta aderiet għal din l-organizzazzjoni, il-Komunità ddepożitat dikjarazzjoni waħda dwar l-eżerċizzju mill-Komunità ta' kompetenza u drittijiet tal-vot ⁽³⁾.
- (2) Fil-laqgħa tagħha mit-13 sas-16 ta' Ottubru 1997 il-GFCM adottat l-emendi għat-test tal-ftehim li jstabbilixxi *budget* awtonomu.
- (3) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 il-Komunità aċċettat l-emenda għall-Ftehim li jstabbilixxi l-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran sabiex jiġi stabbilit *budget* awtonomu għal dik l-organizzazzjoni ⁽⁴⁾.
- (4) L-emendi relattivi għal *budget* awtonomu daħlu fis-seħħ fid-29 ta' April 2004.

- (5) L-implimentazzjoni ta' *budget* awtonomu għall-GFCM jimplika li l-Komunità ser tipprovdi kontribut finanzjarju għal dak il-*budget*; minħabba l-volum ta' dan il-kontribut jeħtieġ li tiġi adottata d-dikjarazzjoni ta' kompetenza u drittijiet tal-vot depożitata fil-ħin ta' l-adeżjoni tal-Komunità mal-GFCM,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu uniku

1. Il-Komunità Ewropea għandha temenda d-dikjarazzjoni waħda ta' kompetenza u drittijiet tal-vot preżentata lill-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran meta taderixxi għal din l-organizzazzjoni, li għandha tiġi mibdula bid-dikjarazzjoni mill-Komunità Ewropea dwar l-eżerċizzju ta' kompetenza u drittijiet tal-vot skond l-Artikolu II(6) tal-Ftehim tal-GFCM kontenut fl-Anness ma' din id-Deċiżjoni.

2. Il-President tal-Kunsill qiegħed hawnhekk jiġi awtorizzat jinnotifika d-dikjarazzjoni emendata mill-Komunità Ewropea lid-Direttur-Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni għall-Ikel u l-Agrikoltura.

Magħmula fi Brussel, nhar id-19 ta' Novembru 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

J. P. H. DONNER

⁽¹⁾ ĠU C 15, 20.1.1999, p. 13.

⁽²⁾ ĠU C 150, 28.5.1999, p. 153.

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 98/416/KE tas-16 ta' Ġunju 1998 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea għall-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (ĠU L 190, 4.7.1998 p. 34).

⁽⁴⁾ ĠU L 197, 3.8.2000, p. 35.

ANNESS

Dikjarazzjoni waħda tal-Komunità Ewropea dwar l-eżerċizzju ta' kompetenza u drittijiet tal-vot skond l-Artikolu II (6) tal-Ftehim tal-GFCM

Din id-dikjarazzjoni tispjega l-kompetenza tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fi kwistjonijiet koperti mill-Ftehim li jstabbilixxi l-GFCM.

1. Kompetenza esklussiva tal-Komunità Ewropea.

Għal punti fuq l-aġenda li jittrattaw il-konservazzjoni u l-immaniġġar ta' riżorsi haġġin tal-baħar, il-Komunità Ewropea għandha kompetenza esklussiva u drittijiet tal-vot.

2. Kompetenza ta' l-Istati Membri.

Għal punti fuq l-aġenda li jittrattaw kwistjonijiet ta' organizzazzjoni (kwistjonijiet legali u proċedurali), l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea għandhom kompetenza u drittijiet tal-vot.

3. Kompetenza maqsuma.

- (a) Għal punti fuq l-aġenda li jittrattaw statistika u akwakultura, il-kompetenza tiġi maqsuma bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Il-Komunità Ewropea għandha drittijiet tal-vot.
- (b) Għal punti fuq l-aġenda li jittrattaw ir-riċerka u l-għajnuna għall-iżvilupp, il-kompetenza tiġi maqsuma bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha. L-Istati Membri għandhom drittijiet tal-vot.
- (c) Għal punti fuq l-aġenda li jittrattaw il-kunsiderazzjoni ta' rapporti u koperazzjoni ma' organizzazzjonijiet oħra, il-kompetenza tiġi maqsuma bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, skond l-istess prinċipji ta' distribuzzjoni ta' kompetenza bħal dawk stabbiliti f'din id-Dikjarazzjoni.
- (d) Għal punti fuq l-aġenda li jittrattaw kwistjonijiet tal-*budget*, il-kompetenza tiġi maqsuma bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Il-Komunità Ewropea għandha drittijiet tal-vot.

Din id-dikjarazzjoni tibdel id-dikjarazzjoni preċedenti ta' l-1 ta' Diċembru 2004 u tapplika għall-laqgħat tal-GFCM kollha sakemm ma ssirx sqarrija speċifika mill-Komunità Ewropea fir-rigward ta' kwalunkwe laqgħa jew punt fuq l-aġenda.

Jekk tinbidel il-firxa tal-kompetenza maqsuma bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, din id-dikjarazzjoni għandha tiġi supplimentata jew modifikata.
